## 25 ta' Jannar, 1951

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Giuseppe Ellul et. *versus* Antonia Fenech et.**

**Petizzjoni ta' Eredità — Leġittima — Preskrizzjoni — Pussess — Testment "Unica Charta" — Art. 66 (2) (a) tal-Kap. 92.**

*Ma jistax jingħad illi testment "unica charta" jsir aċċessibili biss bil-mewt tas-superstiti fost il-konjuġi testaturi, almenu fir-rapport ta' l-eredi leġittimi; għax kull persuna li lilha jista' jikkompeti xi dritt derivanti mil-liġi fuq is-suċċessjoni tal-konjuġi li miet tista 'titlob lill-Qorti kompetenti li tkun awtorizzata teżamina, ukoll fil-ħajja tal-konjuġi superstiti, bil-mod kif trid il-liġi, dak it-testment; u l-fatt li, wara l-mewt tal-konjuġi l-mejjet, ħadd minn dawk il-persuni ma jkun ipprevalixxa ruħu minn dak id-dritt ma jfissirx li t-testment ma kienx aċċessibili ħlief wara l-mewt tal-konjuġi superstiti.*

*Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ta' petizzjoni ta' eredità hija ta' indoli akkwiżitiva, u hija bażata fuq l-esklużività tal-pussess. U għalhekk il-pussess komuni ereditarju huwa ta' ostakolu għall-kors ta' kwalunkwe preskrizzjoni ta' azzjoni simili. U biex jiġi rikonoxxut jekk xi ħadd mill-insejħin għall-eredità jkunx akkwista bil-preskrizzjoni, u b'dannu ta' l-oħrajn, l-eredità devoluta, u għamilha kollha tiegħu, hija meħtieġa l-prova irrefragabili ta' pussess publiku u esklużiv, li fih l-animu li wieħed ikun igawdi l-eredità b'vantaġġ tiegħu biss jirriżulta b'mod mhux ekwivoku. U l-preskrizzjoni ma*

*tistax tibda tgħaddi hliej mill-gurnata ta' pussess simili, jiġifieri separat u esklużiv.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, u wara li jippremettew illi Gio Maria Ellul, li kien miżżewweġ darbtejn, u li miet fl-4 ta' Ġunju 1908 b'testment in atti tan-Nutar Francesco Camilleri tat-18 ta' Novembru 1901 (dok. A), ħalla l-leġittima lill-uliedu li kellu mill-ewwel żwieġ, l-użufrutt ta' ħwejġu lil martu Carmela, li mietet fis-26 ta' April 1942, u l-eredità lill-uliedu mit-tieni żwieġ, u ċjoè lill-atturi u lill-konvenuti Fenech u Baldacchino; prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenuti l-oħra, li kienu ntitolati għal-leġittima, bil-preskrizzjoni tilfu d-dritt għall-konsegwiment ta' din il-kwota ereditarja, kif ukoll tilfu d-dritt li jattakkaw id-dispożizzjonijiet kontenuti fit-testment fuq imsemmi in kwantu eċċedew il-parti disponibili; talbu illi (1) jiġi dikjarat u deċiż illi l-assi ereditarju ta' Gio Maria Ellul, kemm ukoll l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti konjugali tiegħu mat-tieni martu, stanti l-preskrizzjoni fuq imsemmija, ċjoè dik ta' għaxar snin, fl-agħar każ, dik ta' tletin sena, imissu unikament lill-atturi u lill-konvenuti Fenech u Baldacchino, ad esklużjoni tal-konvenuti l-oħra, u (2) jiġu likwidati dawn it-tliet assijiet, u maqsuma bejn l-atturi u l-konvenuti Fenech u Baldacchino fi kwoti ugwali, per mezz ta' kuntratt li jsir minn nutar li jiġi nominat minn din il-Qorti, bl-intervent ta' kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċi. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif aħjar infisser fin-nota tagħhom tat-28 ta' Marzu 1949 (fol. 31), l-atturi jippustaw il-pretensjoni tagħhom b'dan il-mod: (1) L-atturi u l-konvenuti Baldacchino u Fenech, bil-mewt ta' missierhom fis-sena 1908, saru nudi proprjetarji tal-beni komponenti l-assi ereditarju tiegħu, u amministrawhom anki fl-interess ta' ommhom, istitwita użufruttwarja universali mill-imsemmi missierhom; (2) il-konvenuti l-oħra, ulied Gio Maria Ellul mill-ewwel żwieġ, ma talbux il-pagament tal-leġittima lilhom imħollija minn missierhom fi żmien għaxar snin mid-data ta' l-apertura tas-suċċessjoni; mhux biss, imma lanqas ippossedew qatt il-beni kostitwenti l-eredità ta' mis-

sierhom fi kwalunkwe żmien wara l-mewt tiegħu; u għalhekk, billi mis-sena 1908 għaddew aktar minn tletin sena, tilfu kwalunkwe dritt bil-preskrizzjoni ta' tletin sena;

Illi b'konsegwenza tal-premess l-atturi jippretendu li l-konvenuti, tfal ta' l-ewwel żwieġ ta' Gio Maria Ellul, tilfu bil-preskrizzjoni l-leġittima mħollija lilhom minn missierhom, kif ukoll tilfu, ukoll bil-preskrizzjoni, kull dritt li jattakkaw id-dispożizzjonijiet kontenuti fit-testment ta' missierhom, imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni, in kwantu eċċedew il-parti disponibili. Il-preskrizzjoni nvokata mill-atturi hija dik ta' għaxar snin, u fl-agħar każ l-oħra ta' tletin sena. Verament, skond il-verbal tat-23 ta' Frar 1949, jingħad li l-atturi qegħdin jibbażaw fuq il-preskrizzjoni trentennali; imma fil-fatt ebda rinunzja għall-preskrizzjoni deċennali ma saret minnhom;

Illi l-konvenuta Giovanna Saliba nomine, fin-nota tagħha tal-24 ta' Jannar 1950 (fol. 33), tissottometti:— (1) Illi l-preskrizzjoni nvokata mill-atturi għandha tibda tiddekorri mhux mill-4 ta' Ġunju 1908, meta miet Gio Maria Ellul, imma mis-26 ta' April 1942, meta mietet Carmela Ellul, it-tieni mara tiegħu, u dan għaliex it-testment ta' Gio Maria Ellul imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni kien testment "unica charta" magħmul minnu flimkien ma' martu Carmela Ellul, u hekk dak it-testment sar liberament aċċessibili fl-interità tiegħu meta mietet Carmela Ellul, is-superstiti bejn it-testaturi; (2) illi Carmela Ellul kienet użufruttwarja ġenerali ta' l-assi ta' Gio Maria Ellul, u bħala tali, tul l-użufrutt ta' ħajitha, hija ma setgħetx tippreskrivi kontra l-eredi leġittimi ta' Gio Maria Ellul, u lanqas l-atturi ma setgħu jippreskrivu, minħabba l-istat ta' indiviżjoni mal-konvenuta; (3) illi, apparti l-istat ta' indiviżjoni, u apparti l-fatt li l-atturi huma suċċessuri ta' Carmela Ellul, l-atturi baqgħu dejjem jamministraw l-eredità fl-interess ta' kulħadd, u qatt ma pposseddew l-eredità "uti domini";

Ikkunsidrat;

Illi ma jistax jingħad li t-testment "unica charta" magħmul minn Gio Maria Ellul u martu Carmela Ellul sar aċċessibili biss, almenu fir-rapport ta' l-eredi leġittimi, bil-mewt ta' Carmela Ellul, u li ħadd ma seta' jaraħ qabel wara li miet Gio Maria Ellul. Infatti, fit-termini ta' l-art. 53 ta' l-Ordinanza V ta' l-1855 (il-lum inkorporat, wara li ġie emendat,

fl-art. 66 (2) (a) tal-Kap. 92 tal-Liġijiet ta' Malta), kull persuna li lilha seta' jikkompeti xi dritt derivanti mill-liġi fuq is-suċċessjoni tat-testatur mejjet, setgħet titlob lill-Qorti kompetenti li tkun awtorizzata teżamina, ukoll fil-ħajja tat-testatur superstiti, bil-mod kif trid il-liġi, dak it-testment. U t-tfal kollha ta' l-ewwel żwieġ ta' Gio Maria Ellul, fosthom Concetta Saliba, bħala eredi leġittimi tiegħu, setgħu jipprevalixxu ruħhom minn dik id-dispożizzjoni tal-liġi. Il-fatt li ħadd mit-tfal ta' l-ewwel żwieġ ma għamel dina t-talba, ma jġibx li dak it-testment ma kienx aċċessibili ħlief wara l-mewt ta' Carmela Ellul. Għalhekk ma kien hemm ebda ostakolu legali għall-adizjoni ta' l-eredità ta' Gio Maria Ellul; u t-terminu għal dina l-ħaġa beda jiddekorri mill-ġurnata tal-mewt ta' Gio Maria Ellul;

Ikkunsidrat;

Illi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ta' petizzjoni ta' eredità, li hija ta' indoli akkwiżitiva, hija fondata fuq l-esklużività tal-pussess, u għalhekk il-pussess komuni ereditarju huwa ta' ostakolu għall-kors ta' kwalunkwe preskrizzjoni ta' azzjoni simili (Kollez. Vol. XXII—I—263). L-atturi ma ġiebu ebda prova li minnha jista' wieħed jindući illi huma, kif jippretendu, mill-mewt ta' missierhom amministraw il-beni tiegħu anki flinteress ta' ommhom, li kienet istitwita użufruttwarja ġenerali ta' dawk il-beni, u li amministrawhom, jekk qatt għamlu dan, esklużivament f'isimhom. U biex jiġi rikonoxxut jekk xi ħadd mill-imsejħin għall-eredità jkunx akkwista bil-preskrizzjoni, u b'dannu ta' l-oħrajn, l-eredità devoluta, u għamilha kollha tiegħu, hija meħtieġa l-prova irrefragabili ta' pussess publiku u esklużiv, li fih l-animu li jgawdi l-eredità kollha b'vantaġġ tiegħu nnifsu biss ikun jidher b'mod mhux ekwivoku (Kollez. XVI—II—4). Fi kliem ieħor, l-atturi ma ppruvawx li huma ippossedew separatament u esklużivament il-ġid imħolli minn missierhom għaż-żmien kollu mill-mewt ta' dan, u t-terminu tal-preskrizzjoni ma jistax jgħaddi ħlief mill-ġurnata ta' pussess simili, jiġifieri separat u esklużiv (Kollez. XIX—I—120). Kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, l-atturi kienu jafu li l-konvenuti kellhom dritt għal-leġittima; u biex tkun tista' tiġi mogħtija l-preskrizzjoni ta' għaxar snin relativa għal-leġittima, jeħtieġ li dak li jagħtiha kellu f'idejh ma'

tul dawk il-għaxar snin il-wirt "animo domini" u "in buona fede" (Kollez. XXIX—I—25). U għal kull preskrizzjoni oħra, biex tkun tista' tiġi eċċepita l-preskrizzjoni tal-petizzjoni ta' l-eredità, hemm bżonn ir-rekwiżit tal-pussess ċivili u leġittimu (Kollez. XXIX—I—736) — liema provi l-atturi ma għamluhomx;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi jidher li l-ewwel talba ta' l-atturi miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni ma tistax tiġi milqugħa; u għalhekk il-likwidazzjoni ta' l-assijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni ma tistax issir bil-mod hemm indikat;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-ewwel *domanda fuq imsemmija*, u tillibera l-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju relativament għat-tieni talba. L-ispejjeż iħallsuhom l-atturi.